MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 922/2000/1

**John Grima u Mario Grima**

**vs**

**George Debono u Maria Lourdes Grant**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi Grima sejhu lill-konvenuti Debono u Grant quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond 87, St.Benedict Street, Qormi, prevja d-dikjarazzjoni li kull titolu li seta' kellhom illum**

**huwa terminat u li allura qeghdin jokkupaw l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**3. Illi ghal fini ta' kompetenza l-valur lokatizju ma jaccedix il-hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Debono datata t-8 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**2. Illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom;**

**3. Illi l-konvenut kien ilu zmien twil jghix ma' ommu li kienet tokkupa l-fond de quo b'titolu ta' inkwilinat;**

**4. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu titolu ta' inkwilin;**

**Rat in-nota tal-konvenuta Maria Lourdes Grant datata l-11 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz taghha nfurmat lil din il-qorti li hi rrinunzjat ghall-kirja meritu ta' din il-procedura;**

**Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenut datat is-16 ta' Jannar tas-sena 2003, (ara fol 138), li permezz tieghu irtira t-tieni (2) eccezzjoni tal-istess konvenut;**

**Rat ukoll il-verbal ta' l-istess rapprezentant legali tal-konvenut Debono datat is-17 ta' Gunju tas-sena 2003, (ara fol 153), li permezz tieghu rega' nforma lil din il-qorti li kien qed jirrinunzja ghall-eccezzjoni numru 2 tan-nota tal-konvenut Debono datata t-8 t'Awissu tas-sena 2000;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-atturi jsostnu li l-konvenut George Debono li bhalissa jirrisjedi fil-fond numru 87, Triq San Benedittu, Hal-Qormi, ghandu johrog mill-imsemmi fond proprjeta' ta' l-istess atturi stante lil qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Illi jirrizulta li l-istess konvenut Debono kellu problemi konjugali serji fejn konsegwenza ta' l-istess fl-1996 gie estromess mid-dar konjugali tieghu b'ordni tal-qorti kompetenti;**

**3. Illi konsegwenza ta' dan l-istess konvenut Debono irritorna fir-residenza fejn twieled, senjatament il-fond 87, Triq San Benedittu, Hal-Qormi,**

**meritu ta' din il-procedura, u beda ghalhekk jirrisjedi mal-mama' tieghu, li kienet il-kerrejja legittima ta' l-istess fond;**

**4. Illi eventwalment il-mama' tal-konvenut mardet serjament u kellha tigi rikoverata fl-isptar San Vincenz de Paule, fejn eventwalment ghaddiett ghall-hajja ahjar fis-6 ta' Marzu tas-sena 2000, fid-9.30a.m.; (ara fol 51);**

**5. Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-konvenut Debono kien regolarment registrat bhala residenti fil-fond meritu ta' din il-kawza mal-Kummissjoni Elettorali fejn it-talba ufficjali ghal dan tirrizulta li saret fit-22 ta' Settembru ta' l-1999, (ara fol 14);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi f'dan ir-rigward l-artikolu 2(b) tal-Kap 69 jghid hekk:**

***"fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqoghdu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu…"***

**huma ex lepe ikkonsidrati kerrejja legittimi ta' l-istess fond;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi minn analizi tal-fatti fuq esposti jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi Mary Debono kienet il-kerrejja legittima tal-fond meritu tal-procedura odjerna;**

**2. Illi l-konvenut George Debono kien qed joqghod ma' l-istess kerreja fil-fond fuq indikat fi zmien il-mewt ta' l-imsemmija kerrejja ommu;**

**3. Illi l-istess kerrejja Debono ma hallietx warajha armel;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentment takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut George Debono, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------